Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2007

**Mary Grace Vassallo** **(appellata)**

**Vs**

**John Axiaq** **(appellant)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

L-appellant appella mis-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tat-2 ta' Ottubru 2014 li cahdet it-talbiet tieghu biex tithassar is-sentenza tal-istess Bord tal-5 ta' Ottubru 2006 u tordna r-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(a) tal-Kap. 12. Il-proceduri nbdew permezz ta' rikors prezentat fl-10 ta' April 2007 fejn ir-rikorrent ippremetta:

*"2. Illi b'sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tal-5 t'Ottubru 2006 fl-ismijiet premessi l-Bord iddecieda billi jilqa' t-talba tal-intimata Mary Grace Vassallo u jawtorizzaha terga' tiehu f'idejha l-fond numru 160, Main Street, Haz-Zabbar; ghal ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien mil-lum; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti odjern;*

*3. Illi l-esponent sar jaf bis-sentenza meta gie biex jigi ezegwit il-mandat ta zgumbrament numru 92/07CX fl-ismijiet premessi u wara li l-avukat sottoskritt ghaddielu kopja tal-process nhar id-9 ta' April 2007 huwa nduna li s-sentenza ttiehdet b'qerq peress li r-rikorrenti interpellat lilu darba wahda biss u mhux darbtejn kif titlob il-ligi;*

*4. Illi b'hekk il-kawza ghandha tigi ritrattata peress li ttiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra, u dan a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

## **Konsiderazzjoni**.

1. Mill-atti tal-kawza 38/2006 jirrizulta li:

   i. Mary Grace Vassallo (appellata) harrket lil John Axiaq (appellant) quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera u talbet li tigi awtorizzata ma ggedditx il-kirja tal-fond 160, Main Street, Zabbar peress li kien moruz fil-hlas tal-kera. Fir-rikors jinghad li l-appellant kien gie nterpellat sabiex ihallas il-kera ghall-perjodu tat-30 ta' Settembru 2003 sad-29 ta' Settembru 2004 u 30 ta' Settembru 2004 sad-29 ta' Settembru 2005, izda baqa' ma hallasx.
   ii. Fit-23 ta' Gunju 2006, l-appellant gie notifikat bir-rikors u avviz tas-smigh.

iii. L-appellant ma ddefendix ruhu u fil-5 ta' Ottubru 2006 il-Bord ta s-sentenza li biha laqa' t-talba ta' sid il-kera u ffissa terminu ta' tlett (3) xhur sabiex l-appellant johrog mill-fond, u dan wara li xehedet l-appellata.
iv. L-appellant m'appellax mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006.
v. Fit-23 ta' Jannar 2007, l-appellata pprezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' zgumbrament (92/07). Fit-28 ta' Marzu 2007 il-Bord ordna l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament u fit-3 ta' April 2007 gie notifikat lill-appellant.
vi. Fil-11 ta' April 2007, l-appellant ippropona l-proceduri ta' ritrattazzjoni.

2. Fir-rikors tal-appell, l-appellant isostni li:

i. Il-Bord ma kellux jichad[1] it-talba tieghu biex izid kawzali ohra. Mill-bidunett tal-proceduri dejjem sostna li s-sentenza ttiehdet b'qerq.
ii. L-appellata kienet ipprezentat ittra ufficjali wahda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta suppost kellha tigi pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) peress li l-ammont pretiz ma kienx jaqa' fil-kompetenza tal-qrati superjuri. L-appellant zied jargumenta: *"peress illi l-ittra ufficjali hija nulla, il-procedura kollha fir-rikors numru 38/06JC huma nulli u konsegwentement it-talba tar-ritrattand li s-sentenza ta' dan l-Onorabbli Bord diversament presjedut fl-istess ismijiet tal-5 ta' Ottubru 2006 (Rikors nru: 38/06JC) ittiehdet bil-qerq tal-intimata odjerna Mary Grace Vassallo bi hsara tar-ritrattand John Axiaq a tenur tal-Artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) hija ampjament ippruvata."*
iii. Man-nota ta' sottomissjonijiet ipprezenta certifikat medici dwar il-kundizzjoni mentali tieghu, u li jikkonfermaw li jbati minn depressjoni kronika u kien dipendenti fuq id-droga.

3. L-appellata wiegbet li:

i. Fl-ebda stadju tal-proceduri l-appellant ma argumenta li l-ittra ufficjali kienet nulla.
ii. In-nuqqas ta' komptenza tal-qorti li quddiemha giet prezentata l-ittra ufficjali, kellha semmai tinghata in *limine litis*.
iii. Id-decizjoni tal-Bord tat-28 ta' Marzu 2011 hi gusta peress li qatt ma seta' jaccetta li tizdied kawzali. Kien l-appellant li minhabba negligenza naqas milli fir-rikors promotur izid il-kawzali li mbaghad ried izid waqt is-smigh tal-provi.

[1] Digriet tat-28 ta' Marzu 2011.

iv. L-appellat ma haditx is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, b'qerq.

4. Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Frar 2010, l-appellant kien talab l-awtorizazzjoni tal-Bord sabiex izid il-kawzali li:

*"Jekk jinsab li waħda mill-partijiet ħadet deċiżjoni favorevoli mill-Bord minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha, il-parti kuntrarja tista' tagħmel talba lill-Bord għas-smigħ mill-ġdid tar-rikors…."*

B'digriet tat-28 ta' Marzu 2011, il-Bord cahad it-talba wara li osserva:

*"Il-kawzali li r-rikorrenti jixtieq jakkludi llum hija ben diversa minn dik li bih gia adixxa lil dan il-Bord. Il-procedura ta' ritrattazzjoni hija wahda specjali u wara li r-rikorrent talab din ir-ritrattazzjoni, issa qieghed ukoll jitlob ritrattazzjoni ghar-raguni ohra proprju b'dan l-istess rikors."*

Konkluzjoni li l-Bord kellu kull jedd li jaghmel, ghalkemm fir-realta' l-qorti ma tarax li kienet ser taghmel xi differenza fl-ezitu tal-kaz.

5. L-appellant isostni li saret interpellazzjoni wahda biss b'ittra ufficjali, li l-qorti tifhem li kienet tal-1 ta' Marzu 2006 (fol. 108)[2]. Fir-realta' mid-deposizzjoni stess tal-appellat[3], jirrizulta li l-appellata kienet personalment talbet il-hlas lill-appellant; *"Omm u missier Mary Grace Vassallo, imbaghad mietu u giet hi ghall-kera, ghax f'dawk l-ghaxar snin dejjem hallasthom, dejjem tajthom kera, mietu Alla jahfrilhom. Giet hi ghall-kera, ma kellix darba ghidtilha ejja l-Gimgha u nhallsek, u ma gietx aktar u la baghtitli fejn toqghod, xejn. Mort infittixha fejn kelli ndirizz li stajt nifhem il-Belt, dhalt il-Belt, ghidtilhom hawn Mary Grace Vassallo ? Qaluli le"* (fol. 16).

Il-qorti tosserva:

i. Saret talba verbali ghall-hlas. Kien l-appellant li ma hallasx, ghaliex qal li ma kellux flus.
ii. Ghalkemm l-appellant qal li ma ifittixha f'indirizz fil-Belt, ma tax taghrif dwar minn fejn kien gab l-indirizz, x'inhu l-indirizz u ma' min kien tkellem.
iii. Fl-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 2006, l-appellata semmiet l-indirizz "c/o 11/1, Triq San Duminku, Valletta", li mill-atti l-qorti fehemet hu l-indirizz tal-avukat ta' fiducja taghha[4]. Fl-ittra jinghad li l-appellant kellu

[2] Prezentata mill-appellata permezz ta' nota, fil-21 ta' Novembru 2012.
[3] Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007.
[4] Dan hu l-istess indirizz li jissemma fir-rikors 38/2006 li pprezentat fit-3 ta' Mejju 2006, u li bih bdiet il-proceduri ghall-izgumbrament tal-appellant.

jmur ihallas il-kera fl-imsemmi ndirizz. Ghalhekk jekk dan kien l-indirizz fejn l-appellant mar, meta qal li ma ifittex lill-appellata, kieku verament offra l-kera probabilment kienet tigi accettata.

iv. Ghalkemm l-appellant qal li darba biss intalab ihallas il-kera, mill-provi rrizulta mod iehor in kwantu hemm zgur id-darba li marret ghandu u talbitu l-kera u mbaghad saret talba ghall-hlas permezz tal-ittra ufficjali.

v. F'kull kaz jekk l-affarijiet graw kif irrakkonta l-appellant, ma kienx hemm x'izommu milli jiddepozita l-kera fil-qorti.

6. L-appellant argumenta wkoll li l-ittra ufficjali hi nulla ghaliex giet prezentata fil-Prim'Awla meta ma kellhiex kompetenza *ratione valoris* minhabba li l-ammont pretiz kien Lm66. Argument li lanqas biss issemma fir-rikors promotur li bih l-appellant talab ghar-ritrattazzjoni. L-ewwel darba li ssemma l-argument kien fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellant ipprezenta fil-15 ta' Lulju 2013. M'ghandux ikun li parti f'kawza, f'nota ta' sottomissjonijiet tressaq argumenti li ma jkunux issemmew fir-rikors promotur. Dan apparti li t-tezi dwar in-nullita' tal-ittra ufficjali minhabba li giet prezentata quddiem qorti li m'hijiex il-qorti kompetenti, m'ghandha x'taqsam xejn ma talba ghal ritrattazzjoni minhabba li *"… is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra."* (Art. 811(a) tal-Kap. 12). Inoltre, hu altru milli evidenti li b'dan l-argument l-appellant qieghed jipprova jerga' jiftah il-meritu tal-kawza billi jressaq argument li suppost ghamel fil-kawza 38/2006. Dan m'ghandux isir f'proceduri ta' ritrattazzjoni, li min-natura taghhom huma straordinarji. L-appellant kien gie notifikat bil-kawza, u ghazel li ma jiddefendix ruhu. Kieku ried kellu kull opportunita li jressaq id-difiza tieghu quddiem il-Bord. Pero' ghazel li jibqa' kontumaci.

F'kull kaz rrispettivament liema qorti tissemma fl-ittra ufficjali, jibqa' l-fatt li l-appellat irceviha u sservi bhala notifika ghal finijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69. Kull ma titlob il-ligi hi morozita fir-rigward ta' zewg skadenzi u fir-rigward ta' kull wahda l-inkwilin *"…. ma jkunx hallas il-kera fi zmien hmistax-il jum minn dak in-nhar illi s-sid il-kera jitolbu l-hlas".* Sejha ghall-hlas li m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub. Skond l-Artikolu 2129 tal-Kodici Civili:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att gudizzjarju iehor ikunu nulli minhabba difett ta' forma,* ***jew minhabba li jkunu gew ipprezentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.****"*

Mela dik l-ittra ufficjali, li kien fiha talba ghall-hlas, zgur li serviet ghal finijiet ta' nterruzzjoni ta' preskrizzjoni. Ladarba sservi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, allura hi kkunsidrata bhala talba.

7. M'hemm l-ebda prova li l-appellata hadet is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, b'qerq. Mill-atti jirrizulta li fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006 kienet xehedet quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera, izda fl-atti m'hemmx it-traskrizzjoni. Ghalhekk mhux maghruf x'qalet. Pero' hu evidenti li minn dak li qalet, il-Bord kien sodisfatt li l-appellant (inkwilin) kien moruz fil-hlas tal-kera bil-mod kif kontemplat fl-Artikolu 9(a)(i) tal-Kap. 69. Issa jekk ghall-grazzja tal-argument biss, il-Bord ghamel zball fl-interpretazzjoni tad-disposizzjoni relattiva, ma jfissirx li l-appellata hadet is-sentenza bil-qerq. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel ma' dak li qal il-Bord fis-sentenza appellata:

*"…. ma kien hemm htiega ta' ebda nterpellanza in iskritt u li l-Bord ikkunsidra dik l-ittra ufficjali singolari bhala prova bizzejjed li tissodisfa r-rekwizit tal-ligi. Dan bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala qerq da parti tar-ritrattata anke jekk l-unika talba li hi qatt ghamlet lill-kerrej taghha kienet permezz ta' ittra ufficjali wahda li kienet tal-fehma illi dik illi dik hija sodisfacenti fit-termini tal-ligi. Il-meritu odjern jippresta ruhu ghall-ezami fit-tieni istanza izda certament m'ghandux ikun konsiderat bhala qerq ghall-otteniment ta' sentenza fit-termini tal-artikolu 811(a) tal-Kap. 12."*

8. Ghal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni medika tal-appellant, il-qorti tosserva li:

i. L-appellant qal li c-certifikati medici gew prezentati man-nota ta' sottomissjonijiet. Pero' dak hu stadju meta l-provi kienu diga' nghalqu.
ii. F'kull kaz id-dokumenti m'humiex prova tal-kontenut taghhom in kwantu ma gewx konfermati bil-gurament mit-tobba li harguhom.
iii. Mill-atti jirrizulta li d-dokumenti kienu gew prezentati ghall-ewwel darba, ma' rikors tal-appellant fejn talab lill-Bord biex ma jatix is-sentenza u jtih l-opportunita' jressaq il-provi (fol. 94). Inoltre, l-ewwel certifikat (fol. 123) hu minghajr data filwaqt li t-tieni wiehed (fol. 124) ghandu d-data tat-3 ta' April 2012. Zgur ghalhekk li ma jistghux iservu bhala prova tal-kundizzjoni medika tal-appellant fiz-zmien li gie notifikat bil-kawza 38/2006 u meta nghatat is-sentenza.
iv. It-talba ghar-ritrattazzjoni hi bazata fuq paragrafu (a) tal-Artikolu 811 li m'ghandha x'taqsam xejn mas-sahha mentali ta' parti f'kawza, iktar u iktar meta tqies il-provi skarsi li tressqu.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.